

Marzu 2018 — Ħarġa 308

# Ħolqa Bejnietna

Parroċċa Sant'Anna, Wied il-Għajn

Maħruġ mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali



Il-Kelma tal-Kappillan

## Qumu u itolbu biex ma tidħlux fit-tiġrib!

"Mbagħad qam mit-talb, mar ħdejn id-dixxipli u sabhom reqdin minħabba s-swied ta' qalb. "Kif!" qalilhom Ġesù, "Irqadtu? Qumu u itolbu biex ma tidħlux fit-tiġrib!" Lq 22,45-46

Dal-kliem ta' Ġesù fil-Ġetsemani jpoġġi quddiemna x-xewqa li għandu Alla quddiem l-umanità sabiex ikollna fiduċja sħiħa f'qalbna fil-Mulej tul ħajjitna kollha.

Nhar il-Ħadd 4 ta' Frar 2018 wasalna lura mill-Pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa li għamilna flimkien mal-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar. F'dan il-vjaġġ esperjenzajna l-umanità dgħajfa li libes il-Mulej Ġesù mit-twelid sal-mument fuq is-salib tiegħu. Hekk ried jidher quddiemna bħala r-Ragħaj it-Tajjeb li jrid jindokra l-merħla tiegħu. Hu jaf li jista' jkun hawn nies li jilagħbuha ta' rgħajja u profeti foloz biex iqarrqu bina bi kliemhom u b'għemilhom.

**Il-profeti foloz**

X'xejriet jieħdu dawn l-profeti foloz? Huma bħal "saħħara tas-sriep", jew aħjar, japprofittaw mill-emozzjonijiet umani dgħajfa biex ijassru l-persuni u jwassluhom fejn iridu huma. Profeti foloz oħra huma dawk iċ-"ċarlatani" li joffru soluzzjonijiet sempliċi u immedjati għat-tbatijiet, iżda li nafu li huma kompletament ineffikaċi: kemm żgħażagħ jiġu offruti r-rimedju falz tad-droga, ta' relazzjonijiet "uża u armi", ta' gwadanni faċli imma diżonesti! Ir-Randan iħejjijna nagħmlu tagħna dak li huwa prezzjuż, jiġifieri d-dinjità umana tagħna, il-libertà personali u l-ħila li wieħed iħobb.

**X'għandna nagħmlu?**

Il-Knisja f'dan iż-żmien tar-Randan toffrilna r-rimedju ħelu tat-talb, tal-karità u tas-sawm.

Frott l-Assemblea Parrokkjali li kellna f'Novembru li għadda flimkien ħassejna l-bżonn li niddedikaw iktar ħin għat-talb biex infittxu dak li hu veru ta' Alla, u b'hekk inħallu l-qalb tagħna tikxef il-gideb sigriet li bih inqarrqu bina nfusna.

Kunu mberkin
Dun Roderick Camilleri
Kappillan

**Nhar il-Ħadd 11 ta' Marzu 2018 fl-4:00pm laqgħa dwar it-talb. fis-Sala Sant'Anna**

Ejjew niskopru kif Kristu Rxoxt joħloq fina l-ħeġġa tal-fidi, tat-tama u tal-imħabba.

**Kulħadd mistieden.**





# Ngħixu l-Ġimgħa Mqaddsa

**Ray u Chris, Appostli Franġiskani ta' Ġesù u Marija**

Kull sena matul il-Ġimgħa Mqaddsa, bħala Nsara Kattoliċi ngħixu l-passaġġ li għex Ġesù fl-aħħar ġranet ta' ħajtu u l-mewt qaddisa tiegħu sa ma ħareġ rebbieħ bil-qawma tiegħu innifsu fl-Għid Qaddis. Il-Knisja tippreżentalna liturġija biex aħna nkunu nistgħu nipparteċipaw f'dan il-misteru. Hija tpoġġi quddiemna mixja li mhux biss tfakkar dak li ġara elfejn sena ilu iżda hija mixja li tirrifletti l-ħajja preżenti ta' kull wieħed u waħda minna.

Din il-ġimgħa hi l-aktar ġimgħa importanti fil-ħajja tan-Nisrani; għalhekk tajjeb li:

1. Nbiddlu r-ritmu tal-ħajja tagħna, biex nagħtu iktar spazju lilna nfusna.
2. Noħolqu ambjent fejn ngħixu li jkun hemm sens ta' għaqda, imħabba u talb.
3. Nipparteċipaw minn qabel f'kors ta' eżerċizzi spiritwali mal-komunità.

Din il-ġimgħa tibda b'Ħadd il-Palm fejn il-Knisja tistedinna li nieħdu sehem fil-purċissjoni bħala komunità wara Kristu msallab, b'deċiżjoni f'qalbna li aħna ukoll qegħdin naċċettaw is-salib tal-ħajja tagħna waqt li nkantaw *Hosanna* li tfisser 'Mulej salvani'. Dan kollu nesprimuh bil-weraq tal-palm u ż-żebbuġ, simboli tar-rebħa u l-paċi fis-salib. 'Il-ħajja li issa ngħix fil-ġisem qiegħed ngħixha bil-fidi fl-Iben ta' Alla, li ħabbni u ta lilu nnifsu għalija.' (Gal2:20).

F'dan il-Ħadd waqt il-Quddiesa aħna u nieħdu sehem fil-qari tal-passjoni sħiħa ta' Ġesù. Tajjeb li npoġġu lilna nfusna f'din il-ġrajja u nkomplu nimmeditawha matul il-ġimgħa, biex permezz tal-Kelma ta' Alla magħquda mas-Sagramenti nkomplu niskopru u nilqgħu l-imħabba ta' Alla li għandu għalina.

Il-paċi magħkom!










# The eyes of the Risen from the Dead

**Fr Victor Agius**



How I wish I had the eyes of the Risen from the dead. That in death I would see life. When blamed I would see pardon. In discord I would see unity. In failures I would see success. In man I would see God. In God I would see man. In "me" I would see "you". And, above all, to see the strength of the Risen from the Dead.

Klaus Hemmerle
(Easter greetings, 1993)

The community of the English Mass at Our Lady of the Rosary Chapel wishes you a Happy Easter and prays with you to the Risen Lord among us the grace of having "The eyes of the Risen from the Dead"

**Our Lady of the Rosary Chapel**
**Villa Apap Bologna, Marsaskala**

**English Masses during the Holy Week**

Palm Sunday 11:00 am
Holy Thursday 7:00 pm
Good Friday 3:00 pm
Holy Saturday Easter Vigil 8:00 pm
Easter Sunday 11:00 am


## Tuition Courses

**Primary** – Mathematics, Maltese & English

**Secondary** – Form 1 – 5 / 'O' Level (Mathematics, Physics, English, Maltese, Italian, Biology & Chemistry)
Intermediate/Advanced – Pure Maths, Physics , Maltese, Italian & English.

**MCAST** – Maths & Physics

We Offer -
- Graduate and Experianced teachers
- Small Groups
- Four tuition centres : Marsaskala , Kalkara, Ħamrun & Birkirkara.

TelNos - 21660812 – 21472561 - 99458791

**PRIVAT**

**Marsaskala**

**Pure Maths A/I Level**

**Physics Intermediate**

**Maths / Physics O-Level**

**TEL : 21641633**

**Mob.: 79796770**

| | | |
|---|---|---|
| **2** | **Il-Ġimgħa** | **L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.**<br>Wara l-quddiesa tas-6:00pm jkollna l-adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija.<br>Fis-7.00pm Quddiesa u wara Via Sagra fl-inħawi ta' Bellavista. |
| **4** | **Il-Ħadd** | **It-3 Ħadd tar-Randan.**<br>Fl-10:15am Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija.<br>Fl-4:00pm jiltaqa' l-Grupp tar-Romol fis-Sala Sant'Anna. |
| 6 | It-Tlieta | Fis-6.45pm laqgħa għall-ġenituri li wliedhom ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina fil-Knisja Parrokkjali. |
| **11** | **Il-Ħadd** | **Ir-4 Ħadd tar-Randan.** Fl-10:15am Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija.<br>Fl-4:00pm laqgħa għal KULĦADD fis-Sala Sant'Anna dwar it-Talb. |
| 12 | It-Tnejn | Fl-4.30pm l-Ewwel Qrara fil-Knisja Parrokkjali għat-tfal li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina u jattendu d-Duttrina nhar ta' Tnejn il-Museum.<br>Fis-6:30pm jiltaqa' l-Grupp tal-Kelma tal-Ħajja fil-Knisja Parrokkjali. |
| 13 | It-Tlieta | Fl-4.30pm l-Ewwel Qrara fil-Knisja Parrokkjali għat-tfal li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina u jattendu d-Duttrina nhar ta' Tlieta il-Musuem. |
| 14 | L-Erbgħa | Fl-4.30pm l-Ewwel Qrara fil-Knisja Parrokkjali għat-tfal li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina u jattendu fiċ-Ċentru tal-Katekiżmu, il-Munxar. |
| **18** | **Il-Ħadd** | **Il-5 Ħadd tar-Randan.**<br>Fl-10:30am quddiesa fis-Sala Sant'Anna għall-koppji u l-familjari tagħhom fi tmiem tal-Kors ta' Kana.<br>Fit-3:00pm *Afternoon tea* fis-Sala Sant'Anna sal-5:00pm.<br>Fit-8:00pm YOUTH MASS fil-Kappella tar-Rużarju fil-Villa Apap Bologna. |
| **19** | **It-Tnejn** | **Solennità ta' San Ġużepp.** Fil-Quddiesa tas-6.00pm niċċelebraw id-19-il Sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali minn Mons. Ġużeppi Mercieca. |
| **19-23** | | **Fit-7.15pm Eżerċizzi għall-koppji fil-Knisja Parrokkjali mmexxija minn Mons. Anton Gouder.** |
| 22 | Il-Ħamis | Mit-8.30pm sal-10.00pm Velja ta' Qrar u Adorazzjoni fil-Knisja Parrokkjali. |
| **23** | **Il-Ġimgħa** | **Festa ta' Marija Addolorata.** Quddies fis-7.00am, 7.45am, 8.30am, 9.15am u 12.00pm.<br>Fil-5.00pm Via Matris, 5.30pm Quddiesa u fis-6.00pm Purċissjoni bl-istatwa tad-Duluri. Fis-7.15pm Quddiesa mmexxija mill-Arċisqof Emeritus Mons. Pawlu Cremona O.P.<br>Fit-8:30pm il-membri tal-Mużew ser imexxu mument qasir ta' talb fuq Marija Addolorata. |
| **25** | **Il-Ħadd** | **Ħadd il-Palm.** Fid-8.45am tberik taż-żebbuġ fil-Mużew tas-subien u purċissjoni bit-tfal lebsin ta' Lhud lejn il-Knisja Parrokkjali għall-Quddiesa tad-9.15am. |
| 26 | It-Tnejn | Fis-7.00pm Quddiesa fiċ-Ċentru tal-Katekiżmu tal-Munxar u wara Via Sagra fl-inħawi tal-Munxar. |
| 27 | It-Tlieta | Fis-7.15pm Velja ta' Talb fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju ta' Villa Apap Bologna. |
| 28 | L-Erbgħa | Fis-6.15pm tluq minn quddiem is-Sala Sant'Anna għall-Via Sagra Djoċesana. |
| 29 | Il-Ħamis | Fid-9.15am Quddiesa tal-Griżma fil-Konkattidral ta' San Ġwann, il-Belt.<br>Fl-4.30pm Quddiesa animata għat-tfal fil-Knisja Parrokkjali u fis-6.30pm Konċelebrazzjoni ta' Ħamis ix-Xirka. Fit-8.00pm Viżti għal kulħadd sa 12:00am. |
| **30** | **Il-Ġimgħa** | **Il-Ġimgħa l-Kbira. Jum ta' sawm u astinenza.**<br>Fis-7:00am jkollna adorazzjoni u viżti, fit-8:00am t-Tifħir ta' Sbieħ il-Jum u l-Knisja tibqa' miftuħa sa 12:00pm. Fit-3:00pm jkollna t-Tifkira tal-Passjoni tal-Mulej. Qed nistiednu lit-tfal u lil min jixtieq biex għal din il-funzjoni ġibu magħna fjura għal wara l-funzjoni. |
| 31 | Is-Sibt | Is-Sibt mis-6:30pm sas-7:30pm ikun hawn il-qrar fil-Knisja Parrokkjali.<br>Fit-8:00pm tibda ċ-Ċelebrazzjoni tal-Vġili tal-Għid il-Kbir. |
| **1** | **Il-Ħadd** | **L-Għid il-Kbir.** Il-Ħadd fil-quddiesa tad-9:15am jitqassmu l-figolli lit-tfal u jsir it-tberik tagħhom. |
| 6 | April | Fis-7.30pm ser ikollna siegħa adorazzjoni fil-Parroċċa tagħna bi tħejjija għall-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Fra Kurt Mizzi O.Carm minn Wied il-Għajn u tmien żgħażagħ oħra. Inħeġġukom sabiex tattendu. |
| 7 | April | **Jum l-Ordinazzjoni Presbiterali ta' Fra Kurt Mizzi O.Carm u sħabu.**<br>Fid-9:15am flimkien mal-Knisja f'Malta nifirħu mad-disa' żgħażagħ li ser jiġu ordnati saċerdoti fil-Kon Katidral ta' San Ġwann il-Belt. Bħala Parroċċa ser norganizzaw trasport li jitlaq minn quddiem is-Sala Sant'Anna fit-7:45am. |
| **8** | **April** | **It-2 Ħadd tal-Għid u l-Festa tal-Ħniena Divina.**<br>Fil-Knisja Parrokkjali ssir siegħa adorazzjoni li tibda fil-5:00pm u wara l-quddiesa fis-6:00pm. |